**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 4 ta' Ottubru 2021**

**Rikors Numru 74/2019**

**Brian Micallef**

**Vs**

**Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija u b'digriet tal-14 ta' Novembru 2019 ġie kjamat fil-kawża l-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Brian Micallef** ippreżentat fis-7 ta' Awwissu 2019 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi permezz tal-applikazzjoni tiegħu datata t-8 ta' Mejju 2019 (li ġġib ir-referenza numru EBT059E/00197/19), l-esponent talab lill-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija (l-Bord appellat) kif imwaqqaf skond l-Att ta' 1988 dwar il-Professjoni tal-Inġinerija sabiex joħroġ favur tiegħu warrant jew liċenzja speċjali li tagħtih il-poter li jaħdem u jipprattika l-professjoni tiegħu bħala enġineer;*

*Illi mal-imsemmija applikazzjoni l-esponent annetta d-dokumentazzjoni kollha mitluba u neċessarja li kienu rikjesti sabiex it-talba tiegħu tiġi proċessata u mbagħad deċiża;*

*Illi nhar il-11 ta' Ġunju 2019, il-Bord intimat wasal għall-konklużjoni li tali warrant ma setax jinħareġ għaliex fi kliem l-istess Bord "**the course has not enough Engineering contents**";*

*Illi sussegwentement l-appellant talab lill-istess Bord sabiex jerġa' jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu u jerġa' jagħmel assessment tal-applikazzjoni tiegħu iżda l-Bord appellat, permezz ta' deċiżjoni maħruġa nhar id-19 ta' Lulju 2019 infurmah li l-posizzjoni tal-Bord kienet għadha l-istess u ġie infurmat ukoll bid-dritt tiegħu li jappella minn tali deċiżjoni (ara **Dok. A** hawn anness);*

*Illi l-esponent iħossu aggravat minn din id-deċiżjoni u qiegħed jinterponi dan l-umli appell abbażi tas-segwenti fatti u dokumentazzjoni li fl-umli opinjoni tal-istess esponent għandhom iwasslu lil dan it-Tribunal sabiex jilqa' l-istess appell odjern:*

1. *Illi l-appellant għandu s-segwenti ċertifikati akkademiċi in sostenn għat-talba u l-appell odjern tiegħu:*
    a. *Certificate in Microcomputer Technology (Part 1, 2 & 3 (City and Guilds, Ġunju 1991) (ara* ***Dok. B*** *hawn anness);*

    b. *Higher Diploma IMIS (Institution for the Management of Information Systems, Awwissu 1996) (ara* ***Dok. Ċ*** *hawn anness) – liema kors kien offrut tramite l-Malta University Services b'dan li l-lectures u practical labs kienu wkoll on campus fl-Universita' ta' Malta, Msida;*

    c. *Bachelor of Science (Honours) in Computing (University of Greenwich, Frar 2004) (ara* ***Dok. D*** *hawn anness) - liema kors kien offrut tramite l-Malta University Services b'dan li l-lectures u practical labs kienu wkoll on campus fl-Universita' ta' Malta, Msida. Qed jiġi anness ukoll il-Full Academic Transcript relattiv għall-kors imsemmi f'dan il-paragrafu li juri l-kontenut u s-suġġetti tal-istess kors (ara* ***Dok. E*** *hawn anness). Skond ir-Recognition of Qualifications maħruġ lill-esponent f'Mejju 2012 tali kors hu rikonoxxut f'Malta u jġorr miegħu MQF Level Rating f'Level 6 (ara* ***Dok. F*** *hawn anness). Skond il-Guidelines for the Assessment of Academic Qualifications maħruġa mill-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali ġġorr magħha 180 ECTS stante li hi klassifikata bħala MQF Level 6 (ara* ***Dok. Ġ*** *hawn anness);*

    d. *Master of Science in Strategic Information Technology Management (University of Derby, Novembru 2009) (ara* ***Dok. Ħ*** *hawn anness). Qed jiġi anness ukoll Statement of Achievement relattiv għall-kors imsemmi f'dan il-paragrafu li juri l-kontenut u s-suġġetti tal-istess kors (ara* ***Dok. I*** *hawn anness). Skond ir-Recognition of Qualifications maħruġ lill-esponent f'Mejju 2012 tali kors hu rikonoxxut f'Malta u jġorr miegħu MQF Level Rating f'Level 7 (ara* ***Dok. F*** *hawn anness). Skond il-Guidelines for the Assessment of Academic Qualifications maħruġa mill-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali ġġorr magħha 60 ECTS stante li hi klassifikata bħala MQF Level 7 (ara* ***Dok. Ġ*** *hawn anness);*

    e. *Master of Business Administration (University of Derby, Novembru 2014);*

2. *Illi jekk wieħed jikkonsidra biss il-Bachelor of Science (Honours) in Computing flimkien mal-Master of Science in Strategic Information Technology Management, in-numru ta' ECTS neċessarji sabiex wieħed*

*ikun intitolat għall-warrant jew liċenzja speċjali ta' Enġineer huma sodisfatti għaliex jammontaw għal 240 ECTS;*

3. *Illi l-appellant hu ta' nazzjonalita' Maltija kif jirriżulta mill-kopja tal-karta tal-identita' tiegħu hawn annessa u mmarkata bħala* **Dok. J** *u hu wkoll ta' kondotta tajba kif jirriżulta miċ-ċertifikat maħruġ fil-5 t'Awwissu 2019 hawn anness u mmarkat bħala* **Dok. K***;*

4. *Illi kif jirriżulta mis-CV tal-appellant hawn annessa u mmarkata bħala* **Dok. L***, l-appellant ilu jaħdem fis-settur tal-ICT mis-sena 1991 u għalhekk għandu esperjenza fid-disinn, specification, development, installation, commissioning, operation, maintenance u decommissioning ta' soluzzjonijiet ta' ICT;*

5. *Illi abbażi taċ-ċertifikati akkademiċi tiegħu flimkien mal-esperjenza lavorattiva tiegħu (li toħroġ ukoll mis-CV tal-istess appellant), il-European Federation of National Engineering Associations (FEANI) kienet sodisfatta biex toħroġ u tagħti lill-appellant it-titolu ta' 'EUR ING' kif jirriżulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala* **Dok. M***. Għal finijiet ta' kjarezza jingħad li l-FEANI topera dak li jissejjaħ il-European Engineer (EUR ING) Register (ara* **Dok. N** *hawn anness) b'dan li ironikament Malta hija assoċjata mal-istess FEANI tramite l-FEANI National Monitoring Committees kif jirriżulta ċar minn* **Dok. O** *hawn anness;*

6. *Illi f'Malta, c-Chamber of Engineers kienet ukoll (bħall-FEANI) sodisfatta biċ-ċertifikati miġjuba mill-appellant tant li mhux biss aċċettat l-applikazzjoni tiegħu sabiex ikun membru tal-istess Chamber of Engineers kif jirriżulta miċ-ċertifikat hawn anness u mmarkat bħala* **Dok. P***, talli l-istess appellant, ta' kull sena jħallas il-miżata relattiva għall-istess membership mingħajr ebda forma ta' problema u dan in konformita' mal-istatut tal-imsemmi Chamber of Engineers li stralċ minnu qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala* **Dok. Q***;*

7. *Illi m'hemm ebda raġuni għala c-Chamber of Engineers ta' Malta tirrikonoxxi ċ-ċertifikati u l-esperjenza li għandu l-appellant fis-settur u aċettatu bħala membru tagħha filwaqt li l-Bord appellat li hu vestit bil-poter sabiex joħroġ il-warrant jew liċenzja speċjali relattiva ta' Engineer m'aċċettatux – meta dawn iż-żewġ entitajiet jaqgħu taħt il-FEANI u ironikament kienet l-istess FEANI li tagħtu t-titolu ta' EUR ING;*

8. *Illi minkejja li dak suespost fl-intier tiegħu ġie a konjizzjoni tal-Bord appellat, d-deċiżjoni tal-istess Bord appellat baqgħet fin-negattiv;*

9. *Illi abbażi tad-dokumentazzjoni kollha hawn annessa u l-fatti kollha miġjuba quddiem il-Bord appellat, l-istess Bord appellat kien legalment skorrett meta ddeċida li jiċħad l-applikazzjoni tal-istess appellant biex jinħareġ warrant jew liċenzja speċjali ta' Engineer stante li l-istess appellant jissodisfa r-rekwiżiti kollha għall-ħruġ tal-istess warrant ai termini tal-Kap. 321 tal-Liġijiet ta' Malta, fosthom l-Artikolu 3(2) u fuq kollox l-istess Bord appellat kien legalment obbligat li jirrikonoxxi*

*ċertifikati u kwalifiċi minn barra minn Malta pero' fl-Unjoni Ewropea abbażi tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 451.03 relatata mar-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali, liema liġi timplimenta d-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/36/KE u l-emendi tagħha permezz tad-Direttiva 2006/100/KE;*

10. *Illi l-Bord appellat qabel ma wasal għad-deċiżjoni tiegħu, ma talab għall-ebda forma ta' kjarifika da parti tal-appellant. Wara li l-istess appellant talab rikonsiderazzjoni tal-istess deċiżjoni, l-Bord appellat xorta waħda baqa' ma talbu ebda informazzjoni jew kjarifika;*

11. *Illi l-appellant fl-ebda stadju ma ġie mgħajjat sabiex jiltaqa' mal-Bord appellat u se mai jingħata l-opportunita' li jispjega għala kellu jinħareġ tali warrant jew liċenzja speċjali;*

12. *Illi fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord appellat bl-ebda mod ma jagħti spjegazzjoni għala fil-fehma tiegħu l-kwalifiki li għandu l-appellant m'għandhom "***enough Engineering contents***" meta fil-verita', t-topics u l-maġġoranza assoluta tal-credits li għamel l-esponent (b'referenza speċjali għall-Bachelor of Science (Honours) in Computing kif ukoll għall-Master of Science in Strategic Information Technology Management) huma ta' 'Engineering content' u għalhekk ċertament li m'hemm ebda bażi legali għala l-Bord appellat ċaħad l-applikazzjoni tal-appellant;*

*Illi l-esponent qiegħed jiġi preġudikat bl-aġir tal-intimat kif fuq premess u permezz tal-preżenti rikors qiegħed jipprevalixxi ruħu mid-dritt mogħti lilu li jressaq l-appell quddiem dan it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ai termini tal-Artikolu 7A tal-Kap. 321 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant, l-esponent filwaqt li jinterponi dan l-umli appell mid-deċiżjoni tal-appellat kif fuq premess, u filwaqt li jirriserva li jressaq il-provi tiegħu in sostenn ta' dan l-appell, jitlob umilment li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord appellat tad-19 ta' Lulju 2019 li rrifjuta l-applikazzjoni għall-ħruġ ta' warrant jew liċenzja speċjali ta' Enġineer f'isem l-appellant u minflok jilqa' t-talba tal-istess appellant u konsegwentement jilqa' l-istess applikazzjoni għall-ħruġ ta' warrant jew liċenzja speċjali ta' Enġineer bl-ispejjeż kontra l-Bord intimat."*

Ra r-risposta **tal-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija** ppreżentata fit-3 ta' Settembru 2019 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

"

1. *Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, il-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija mhux il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża. Il-Bord huwa awtorita' b'setgħat kważi-ġudizzjarji u m'għandux leġittimazzjoni passiva u għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju, filwaqt li l-membri tal-Bord m'għandhomx jitħarrku biex iwieġbu għal għemil ġudizzjarju tagħhom u din l-immunita' mhix xi privileġġ tagħhom iżda hija meħtieġa għall-ħarsien tal-indipendenza tagħhom (ara* <u>*Gatt Tarmac Limited vs. Kunsill Lokali ta' Victoria (Għawdex) et*</u> *deċiż nhar is-7 ta' Awwissu 2013 mill-Qorti tal-Appell; u* <u>*Waste Collection Limited vs. Il-Bord*</u>

*tal-Appelli dwar Kuntratti Pubbliċi et deċiż nhar id-29 ta' Novembru 2013, Qorti tal-Appell);*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bil-qawwa għaliex il-Bord mexa strettament fuq il-parametri tal-liġi, u ċjoe tal-Kap.321 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija);*

3. *Illi d-deċiżjoni tal-Bord tal-Inġinerija hija dwar l-applikazzjoni tar-rikorrent għal warrant sabiex ikun jista' jeżerċita l-professjoni ta' inġinier. Fil-fatt il-Bord tal-Inġinerija informa lir-rikorrent fil-11 ta' Ġunju 2019 illi, wara illi ra t-traskrizzjonijiet tal-Open University illi huwa ppreżenta sabiex isostni t-talba tiegħu sabiex jinħariġlu warrant, il-Bord sab illi l-kors segwit mir-rikorrent ma għandux biżżejjed engineering contents u għalhekk ma jissodisfx il-linji gwida u dan ai termini tal-liġi.*

4. *Illi l-Bord reġa' evalwa mill-ġdid l-applikazzjoni tar-rikorrent għall-ħruġ ta' warrant, u dan fuq talba tal-istess rikorrent,u fid-19 ta' Lulju 2014 informa lir-rikorrent illi il-pożizzjoni tal-Bord rigward l-applikazzjoni tiegħu għal warrant ma nbidlitx.*

5. *Illi l-Bord mexa fuq il-parametri tal-liġi u kuntrarjament għal dak li qed jintqal mir-rikorrent, persuna ma tikkwalifikax għal inġinier sempliċement għaliex tkun segwiet numru ta' korsijiet b'MQF Level Rating 6 u li jkollhom l-ammont neċessarju ta' ECTS.*

6. *Illi inoltre t-titolu ta' 'EUR INĠ' maħruġ mill-FEANI u s-sħubija tar-rikorrent mal-Kamra tal-Inġinieri Professjonali bħala Graduate Member ma jfissrux illi awtomatikament ir-rikorrent jikkwalifka biex ikollu warrant ta' inġinier.*

*GĦALDAQSTANT, l-esponent, filwaqt li jirriserva d-dritt li jagħmel dawk is-sottomissjonijiet u jipproduċi x-xhieda u dokumenti permessi mil-liġi, jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jirrespinġi r-rikors intavolat mir-rikorrent."*

Ra illi permezz ta' digriet datat 14 ta' Novembru 2019 ġie kkjamat in kawża l-**Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali** li ppreżenta risposta fis-16 ta' Jannar 2020 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

"

1. *Illi l-esponent ġie kjamat in kawża permezz ta' digriet ta' dan l-Onorabbli Tribunal datat 14 ta' Novembru 2019;*
2. *Illi, għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bil-qawwa għaliex il-Bord mexa strettament fuq il-parametri tal-liġi, u ċjoe tal-Kap.321 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija);*
3. *Illi d-deċiżjoni tal-Bord tal-Inġinerija hija dwar l-applikazzjoni tar-rikorrent għal warrant sabiex ikun jista' jeżerċita l-professjoni ta' inġinier. Fil-fatt il-Bord tal-Inġinerija informa lir-rikorrent fil-11 ta' Ġunju 2019 illi, wara li ra t-traskrizzjonijiet tal-korsijiet segwiti minnu u li huwa ppreżenta sabiex*

*isostni t-talba tiegħu sabiex jinħariġlu warrant, il-Bord sab illi l-kors segwit mir-rikorrent ma għandux biżżejjed engineering contents u għalhekk ma jissodisfax il-linji gwida u dan ai termini tal-liġi;*

4. *Illi l-Bord reġa' evalwa mill-ġdid l-applikazzjoni tar-rikorrent għal ħruġ ta' warrant, u dan fuq talba tal-istess rikorrent,u fid-19 ta' Lulju 2014 informa lir-rikorrent illi l-pożizzjoni tal-Bord rigward l-applikazzjoni tiegħu għal warrant ma nbidlitx;*
5. *Illi l-Bord mexa fuq il-parametri tal-liġi u kuntrarjament għal dak li qed jintqal mir-rikorrent persuna mhijiex inġinier minħabba li tkun segwiet numru ta' korsijiet b'MQF Level Rating 6 u li jkollhom l-ammont neċessarju ta' ECTS;*
6. *Illi inoltre t-titolu ta' 'EUR INĠ' maħruġ mill-FEANI u s-sħubija tar-rikorrent mal-Kamra tal-Inġinieri Professjonali bħala Graduate Member ma jfissrux illi awtomatikament ir-rikorrent jikkwalifka biex ikollu warrant ta' inġinier."*

Sema' x-xhieda prodotti mill-partijiet;

Ra l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Ra n-Noti ta' Sottimissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Bord tal-Professjoni ta' l-Inġiniera (aktar 'l isfel "il-Bord") datata 11 ta' Ġunju 2019 li permezz tagħha ġie mgħarraf illi l-applikazzjoni tiegħu għall-*warrant* ta' Inġinier ma kinitx ġiet milqugħa peress li ***"the course has not enough Engineering contents."*** Kien għalhekk li r-rikorrent talab għal rikonsiderazzjoni tal-istess deċiżjoni, pero`, permezz ta' deċiżjoni datata 19 ta' Lulju 2019, ġie infurmat li l-posizzjoni tal-Bord baqgħat l-istess. Għaldaqstant intavola l-appell odjern.

Illi t-Tribunal qabel xejn se jgħaddi biex jinvesti l-ewwel eċċezzjoni tal-Bord intimat, u *cioe`*, jekk l-istess Bord huwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet imressqa mir-rikorrent.

Illi l-funzjonijiet tal-Bord intimat jemanu minn artikolu 7 tal-Att Dwar l-Inġiniera[1] (aktar 'isfel imsejjaħ "l-Att") fosthom li ***"jikkunsidra applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' warrant."***[2] Illi mbagħad ai termini tal-artikolu 7A tal-istess Att, id-deċiżjonijet tal-Bord jistgħu jiġu appellati quddiem dan it-Tribunal. It-Tribunal, da parti tiegħu, jista' jikkonferma, jvarja, totalment jew parzjalment, id-deċiżjoni tal-Bord.

Illi t-Tribunal jirrileva illi l-appelli quddiemu huma ta' natura *sui generis* għaliex joħroġu minn għadd ta' liġijiet speċjali. It-Tribunal jirrileva illi in fatti, meta wieħed jappella, lanqas ma hemm bżonn li jipproċedi b'att ġudizzjarju qabel jippreżenta l-

[1] Preċedentement, fiż-żmien li ġie intavolat dan ir-rikors, magħruf bhala Att Dwar il-Professjoni tal-Inginerija

[2] Permezz tal-Att XXI tal-2020 il-Bord ngħata s-setgħa esklussiva li jikkunsidra u jagħti l-*warrant*. Qabel din l-emenda l-Bord kellu biss is-setgħa li jikkunsidra u jirrakomanda lill-Ministru li joħroġ il-*warrant*

appell tiegħu, għalkemm l-appell ikun intavolat kontra awtorita` pubblika. Dawn l-appelli għandhom ikunu ta' natura spedittiva u l-awtoritajiet pubbliċi m'għandhomx jinqdew bl-eċċezzjoni tal-leġittimu kontradittur sakemm din ma tkunx pależement ġustifikata.

Il-Bord, imwaqqaf skont il-provvedimenti tal-Kapitolu 321 ġie mogħti bil-liġi funzjonijiet speċifiċi li, *inter alia,* jinvestuh bil-ġurisdizzjoni esklussiva li jikkonsidra applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' *warrant* ta' Inġinier u li, fiż-żmien tal-applikazzjoni in kwistjoni, jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwarhom lill-Ministru. Il-*warrant* għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' Inġinier mbagħad kien jinħareġ mill-Ministru, fuq ir-rakkomandazzjoni ta' dan il-Bord ***"lil kull persuna li tissodisfa inter alia l-ħtiġijiet tal-artikolu 3(2), u, fejn ikunu japplikaw, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3(3) u (4)."***[3] Dan ifisser mhux biss li l-Ministru ma kellu l-ebda diskrezzjoni fl-għoti ta' *warrant* u kien jiġi gwidat unikament bir-rakkomandazzjoni tal-Bord, imma wkoll li il-Bord kien l-unika awtorita' kompetenti biex jiddeċiedi min kien jikkwalifika biex jeżerċita l-professjoni ta' Inġinier. Illum il-ġurnata bl-emendi riċenti fl-Att, il-Bord huwa l-uniku entita` li tevalwa u toħroġ il-*warrant*.

Illi għalhekk dan it-Tribunal filwaqt li jaqbel li l-membri individwali tal-Bord m'għandhomx jitħarrku biex iwieġbu għal għemil ġudizzjarju, kif fil-fatt ma sarx f'dan il-każ, huwa tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi l-Bord intimat huwa l-leġittimu kontradittur għax hija deċiżjoni diretta tiegħu li r-rikorrent qiegħed jappella minnha u jekk eventwalment ikun hemm xi deċiżjoni minn dan it-Tribunal li tvarja d-deċiżjoni tal-Bord din trid tiġi implimentata mill-istess Bord. It-Tribunal ma jqisx, kif sottomess mill-Bord, illi huwa awtorita` b'setgħat kważi-ġudizzjarji jew addirittura tribunal amministrattiv. Il-Bord intimat huwa awtorita` pubblika li, fost oħrajn, tirregola l-għoti ta' *warrants* lill-Inġiniera. Kwindi n-natura tal-istess Bord hija waħda regolatorja u mhux ġudizzjarja jew kważi-ġudizzjarja. Dan a differenza tal-entitajiet ikkwotati mill-Bord intimat u mill-Ministru kjamat in kawża fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, u *cioe`* **Gatt Tarmac Limited v. Kunsill Lokali ta' Victoria (Għawdex)**; **id-Direttur tal-Kuntratti; iċ-Chairman tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi**,[4] fejn f'dan il-każ il-Qorti qieset lill-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti bħala tribunal amministrattiv, kif fil-fatt hu, u l-każ ta' **Waste Collection Limited vs Il-Bord tal-Appelli Dwar Kuntratti Pubblici et**[5] fejn wieħed mill-intimati kien appuntu l-Bord ta' Reviżjoni Dwar Kuntratti Pubbliċi, u *cioe`* Tribunal Amministrattiv ai termini tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta. Kwindi, siccome` l-Bord intimat la huwa tribunal amministrattiv u lanqas entita` ġudizzjarja jew kważi-ġudizzjarja, huwa l-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri. Dan kollu ġie aktar imsaħħah bl-emendi permezz tal-Att XXI tal-2020, li kif diġa ingħad, ikkonferixxa fuq il-Bord intimat is-setgħa tal-ħruġ tal-*warrant*, liema setgħa qabel kienet f'idejn il-Ministru. Għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni qiegħdha tiġi miċħuda.

Illi għalhekk it-Tribunal se jgħaddi biex jinvesti l-mertu tal-kwistjoni, u *cioe`*, jekk id-deċiżjoni tal-Bord kinitx waħda ġusta jew le fiċ-ċirkostanzi kif ippreżentati quddiem dan it-Tribunal.

---

[3] Artikolu 4 (1) tal-Kapitolu 321 qabel ma ġie emendat bl-Att XLVIII tal-2021. Illum il-ġurnata il-*warrant* jinħareġ mill-Bord
[4] Qorti ta' l-Appell (Superjuri) 7 ta' Awwissu 2013
[5] Qorti ta' l-Appell (Superjuri) 29 ta' Novembru 2013

## <u>Provi</u>

**Ir-rikorrent** xehed u ta rendikont tal-korsijiet li huwa għamel u temm b'suċċess wara li spiċċa mill-iskola sekondarja li eventwalment fl-2004 wassluh għal BSc (Hons) Computing, liema kors kien ko-ordnat mill-Institute for the Management of Information System (IMIS) u l-Universita ta' Greenwich. Sussegwentement, fl-2009 kiseb Master of Science in Strategic Information Technology Management mill-Universita` ta' Derby u fl-2014 kiseb *Master of Business Administration* mill-istess Universita`.

Fir-rigward tal-esperjenza professjonali ir-rikorrent jispjega illi huwa beda l-karriera tiegħu fl-1991 bħala Programmer I mal-Government Computer Centre ġewwa Ħad-Dingli. Sussegwentement, fl-1993, beda jaħdem mal-MITA bħala Analyst/Programmer fejn baqa' jikber fil-karriera tiegħu u illum jokkupa r-rwol ta' IT Consultant. Fil-kors tal-karriera tiegħu huwa kien responsabbli għal għadd ta' proġetti strateġiċi fis-settur pubbliku, fosthom :
"

- *Is-sistema tat-Taxxi Interni – il-kitba u l-implimentazzjoni tal-online information systems, b'responsabilita diretta tal-Assessments System. Kelli sehem ukoll fl-introduzzjoni tal-Final Settlement System (FSS);*
- *Is-sistema tat-Tax Compliance Unit – introduzzjoni tas-sistema kollha tal-ICT (servers, network, information systems). Hawnhekk kelli sehem kbir fl-introduzzjoni tad-data warehouse għal skop ta' investigazzjonijiet fuq taxi. Jien mort taħriġ spjeċalizzat barra minn Malta fil-qasam tad-Data Warehousing u Business Intelligence;*
- *Euro Changeover – kont il-persuna responsabbli mid-drafting tal-Information Systems Strategic Plan for the adoption of the euro for the Government of Malta, taħt ir-responsabilta tan-National Euro Changeover Committee (IT Task Force). Kont ukoll responsabli għat-twettiq tagħha;*
- *Valletta Traffic Management System – kont membru tat-team li jirraporta lil Cabinet Committee on National Projects bir-responsabilta li nagħti konsulenza fuq l-infrastruttura teknika neċessarja għal-implimentazzjoni tal-Controlled Vehicular Access fil-Belt Kapitali, Valletta. Jien kont ukoll membru tal-kumitat tal-għażla tas-soluzzjoni mixtrija;*
- *Integrated Utilities Business System (IUBS) – kont involut mil-fażi bikrija tal-implimentazzjoni ta' dan il-proġett. Kont membru tal-Programme Management Committee bir-responsabilita li jara l-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet mixtrija li kienu jinkludu Automated Meter Reading, CRM/Billing Solution u Enterprise Resource Management Solution. Kelli ukoll sehem dirett fil-migrazzjoni tal-financial systems għas-sistemi l-ġodda u l-implimentazzjoni ta' management dashboards;*
- *Medical Products Licensing Management System for the Medicines Authority. Kont responsabbli biex nara l-funzjonijiet kollha tal-Awtorita' u nikteb it-tender bil-functional requirements biex tinxtara soluzzjoni għal immaniġjar tal-proċessi kollha tal-Awtorita' tal-Mediċina."*

Jispjega li fl-2012 huwa ġie aċċettat bħala *Graduate Member* tal-Kamra tal-Inġiniera Professjonali. Jgħid li l-*membership* ta' *Graduate Member* tingħata mill-istess Kamra lil dawk il-persuni li l-Kamra tħoss li jissodisfaw il-prerekwiżiti akkademiċi neċessarji biex jinħareġ il-*warrant* ta' Inġiniera mill-Bord tal-Inġiniera.

Ikompli jispjega li tramite l-istess Kamra huwa applika u ottjena t-titolu ta' Eur Ing mal-European Federation of National Engineering Associatons (FEANI) u dana peress li l-*first degree* tiegħu ottenuta mir-Renju Unit kienet tilħaq il-kriterji rikjesti Xehed ukoll illi l-Bord tal-Inġiniera mis-sena 2004 beda joħroġ *warrants* lil gradwati fil-branka tal-ICT, fl-oqsma bħal Information Systems and Communications and Computer Engineering. Għalhekk, peress li kien gradwat fil-qasam tal-Inġinjerija tal-ICT, fl-2019 applika għall-istess *warrant*. Madanakollu, permezz ta' emejl datata 11 ta' Ġunju 2019 ġie infurat bis-segwenti:

*"After having gone through the transcripts from the Open University, the Board has found that the course has not enough Engineering contents which means you do not meet the guidlines in terms of the Law."*

Ir-rikorrent reġa' kkomunika mal-Bord fejn infurmahom li huwa ma għamel l-ebda studji mal-Open University u għalhekk talabhom jerġgħu jikkunsidraw l-applikazzjoni tiegħu. Permezz ta' emejl datata 19 ta' Lulju 2019 il-Bord infurmah li l-Bord kien reġa' għamel assessjar tal-applikazzjoni tiegħu u kien qiegħed jikkonferma l-posizzjoni tiegħu.

Jispjega li l-kontenut tal-korsijiet li għamel ilaħħaq tal-inqas 270 ECTS (European Credit Transfer and Accumulation System), liema ammont jiżboq il-minimu ta' 240 ECTS stipulat mill-istess Bord biex joħroġ il-*warrant*.

**Il-Professur Simon Fabri**, Professur tal-Inġinerija ġewwa l-Universita` ta' Malta u membru tal-Bord, spjega illi meta persuna li tapplika għall-*warrant* ma tkunx għamlet il-kors tal-Inġinerija offrut mill-Universita` ta' Malta, il-Bord iqabbel il-kontenut tal-kors li jkun segwa l-applikant mal-kontenut tal-kors offrut mill-Universita` ta' Malta u jaraw jekk humiex komparabbli. Jispjega li l-ewwel jaraw jekk l-Universita` barranija li tat id-*degree* hijiex Universita` rikonoxxuta. Wara jaraw li l-kors li jkun għamel l-applikant ikun fih mill-inqas 240 ECTS credits u jaraw ukoll x'kienu s-suġġetti li ġew studjati mill-applikant. Jispjega li s-suġġett tal-matematika jagħtuh importanza mhux ħażin għaliex għad-disinn fl-inġinerija irid ikollok bażi tajba ta' matematika. Jispjega wkoll illi jrid ukoll ikun hemm suġġetti dwar *basic engineering science* u *modules* ta' *soft skills* bħal *communication skills, management* u *professional ethics.* Barra minn hekk, fl-aħħar sena l-istudenti fil-kors tal-Inġinierja jagħmlu proġett li jkun pereżempju xi ħaġa mibnija jew inkella programm tas-*software*.

Jispjega li fil-każ tar-rikorrent, irriżultalhom li l-Universita` ta' Greenwich aċċettaw li r-rikorrent jidħol mill-ewwel fit-tielet sena tal-kors u għamel 90 credits Ingliżi li jsarrfu f'45 ECTS. Kien għalhekk li ġie kkunsidrat li ma laħħaqx mal-ammont ta' ECTS rikjesti għall-għoti tal-*warrant*. Jispjega li filwaqt li ħadu konjizzjoni tal-*Higher Diploma u c-Certificate in Microcomputer Technology,* ma kkunsidrawhomx ai fini tal-*warrant* peress li dawn ma kinux "at Level 6". Jispjega wkoll illi l-*Masters in Business Administration* ma ġietx ikkunsidrata peress li mhix kwalifika fl-Inġinerija.

**L-Inġinier Anthony Cachia,** eks-membru tal-Bord intimat, spjega illi fil-każ odjern ir-rikorent kellu l-ewwel sentejn tal-kors li kienu Diploma fil-livell 5 u l-aħħar sena biss kienet fil-livell 6. Barra minn hekk is-sena tal-Livell 6 kellha abbinat magħha 45 ECTS biss. Jispjega li minkejja li kellu żewġ kwalifiċi oħra, dawn ma setgħux

jiġu kkunsidrati għax kienu f'Livell 3 u 5 rispettivament. Jispjega li fir-rigward tal-Baċċellerat miksub mir-rikorrent, dan ma ġiex kunsidrata bħala kors komplut. Jispjega` li jekk applikant ma jkollux *a first degree* inutili jkollu PhD u dana peress li hija l-ewwel *degree* li tagħti l-formazzjoni ta' Inġinier.

Wara x-xhieda tal-Professur Fabri u l-Inġinier Cachia, ir-rikorrent iċċara xi affarijiet fejn spjega illi huwa daħal fit-tielet sena tad-*degree* mal-Universita` ta' Greenwich għaliex wara lli beda l-programm mal-IMIS kien hemm arranġament bejn l-Universita` ta' Greenwich u l-IMIS li joffru *top up* biex ikunu jistgħu jiksbu d-*degree* ta' BSc Honours fil-*computing*.

**Stephen Sammut**, Direttur tal-Istitut tal-Inġinerija u t-Trasport ġewwa l-MCAST, spjega li l-Istitut joffri erba' korsijiet fl-inġinerija mekkanika u dik elettrika, liema korsijiet huma ta' erba' snin kull wieħed. Jgħid li wara diskussjonijiet mal-Bord kienu tqabbdu esperti Ġermaniżi fejn evalwaw dawn il-korsijiet. Peress li dawn l-esperti sabu li kien hemm xi *units* li riedu jissaħħu, ġie deċiż li l-istudenti li ggradwaw mill-MCAST b'Baċċellerat fl-Inġinerija jagħmlu *pre-warrant qualification course* biex ikunu jistgħu jottjenu l-*warrant*, liema kors fih 30 ECTS. Jispjega li qabel l-2018 il-kors li jwassal għal Baċċellerat fl-Inġinerija kien nofsu f'Livell 5 u nofsu f'Livell 6.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi r-raġuni prinċipali għala l-Bord intimat irrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent għall-ħruġ tal-*warrant* hija li fl-ewwel lok ma kellux l-ammont ta' ECTS elenkati fil-*guidlines* maħruġa mill-istess Bord, u fit-tieni lok ħass li l-kwalifiċi akkademiċi li kellu ma kellhomx biżżejjed kontenut fl-inġinerija li jistgħu jiġu ekwiparati għal kors fl-Inġinerija offrut mill-Universita` ta' Malta.

Għal aħjar intendiment tal-mertu ta' dan ir-rikors, it-Tribunal se jiċċita artikolu 2 tal-Kapitolu 321 tal-Liġijiet ta ta' Malta, kif kien qabel ġie emendat bl-Att XLVIII tal-2021, li kien jistipula li "Inġinier" tfisser *"**persuna li tkun kisbet grad fl-inġinerija mill-Universita` ta' Malta jew minn istitut barrani magħruf bħala ekwivalenti**."* Permezz tal-Att ċitat "Inġinier" tfisser ***"kull persuna li kisbet warrant skont l-artikolu 4 tal-Att."***

Illi peress li l-Bord eżamina l-applikazzjoni tar-rikorrent abbażi tal-liġi kif kienet qabel saru l-emendi tal-2021, it-Tribunal se jeżamina dan l-appell abbażi tal-istess liġi. Madanakollu, artikolu 3 (2) tal-imsemmi Att ma tbiddilx u għalhekk biex persuna tkun tista' teżerċita l-professjoni ta' Inġinier trid:-

a. Tkun ċittadin Malti jew ta' Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tkun xort'oħra intitolata li taħdem f'Malta;
b. Tkun ta' kondotta tajba;
c. Tkun kapaċi għal kollox skont il-liġi; u
d. Tkun tissodisfa lill-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija illi:-
   i. **Ikollha dak il-grad tal-Universita` ta' Malta jew kwalifika akkademika ekwivalenti dwar il-professjoni tal-Inġinerija li t-tnejn li huma fiż-żmien rilevanti, jkunu rikonoxxuta mill-Bord bħala suffiċjenti għall-għoti tal-*warrant*;**

ii. Għal perjodu ta' mhux inqas minn sena qabel jew wara li tkun otteniet il-kwalifika msemmija tkun għamlet taħriġ prattiku fl-Inġinerija approvat mil-Bord; u

iii. Għal perjodu ta' mhux inqas minn sentejn wara li tkun otteniet il-kwalifika tkun ħarġet fil-prattika tal-professjoni taħt is-sorveljanza ta' Inġinier li jkun fil-prattika.

Illi fir-rigward tal-kwalifiki li kiseb ir-rikorrent, it-Tribunal se jiccita testwalment dak relatat minnu fir-rikors promutur, u *cioe`*:

"

a. *Certificate in Microcomputer Technology (Part 1, 2 & 3 (City and Guilds, Ġunju 1991) (ara Dok. B hawn anness);*
b. *Higher Diploma IMIS (Institute for the Management of Information Systems, Awwissu 1996) (ara Dok. C hawn anness) – liema kors kien offrut tramite l-Malta University Services b'dan li l-lectures u practical labs kienu ukoll on campus fl-Univerista' ta' Malta, Msida;*
c. *Bachelor of Science (Honours) in Computing (University of Greenwich, Frar 2004) (ara Dok. D hawn anness) – liema kors kien offrut tramite l-Malta University Services b'dan li l-lectures u practical labs kienu ukoll on campus fl-Universita' ta' Malta, Msida. Qed jiġi anness ukoll il- Full Academic Transcript relattiv għall-kors imsemmi f'dan il-paragrafu li juri l-kontenut u s-suġġetti tal-istess kors (ara Dok. E hawn anness). Skont ir-Recognition of Qualifications maħruġ lill-esponent f'Mejju 2012 tali kors hu rikonoxxut f'Malta u jġorr miegħu MQF Level Rating f'Level 6 (ara Dok. F hawn anness). Skont il-Guidelines for the Assessment of Academic Qualifications maħruġa mill-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali ġġor magħha t-total minimu ta' 180 ECTS ( biex jiġi konferit Baċċellerat (bl-Unuri), li jkopri ukoll rikonoxximent ta' studji li saru qabel) stante li hi klassifikata bħala MQF Level 6 ( ara Dok. G hawn anness);*
d. *Master of Science in Strategic Information Technology Management (University of Derby, Novembru 2009) (ara Dok. H hawn anness). Qed jiġi anness ukoll Statement of Achievement relattiv għall-kors imsemmi f'dan il-paragrafu li juri l-kontenut u s-suġġetti tal-istess kors (ara Dok. I hawn anness). Skont ir-Recognition of Qualifications maħruġ lill-esponent f'Mejju 2012 tali kors hu rikonoxxut f'Malta u jġorr miegħu MQF Level Rating f'Level 7 (ara Dok. F hawn anness). Skont il-Guidelines for the Assessment of Academic Qualifications maħruġa mill-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali ġġorr magħha 90 ECTS u għalhekk tiżboq is-60 ECTS rikjesti stante li hi klassifikata bħala MQF Level 7 (ara Dok. G hawn anness);*
e. *Master of Business Administration (University of Derby, Novembru 2014);"*[6]

Illi skont il-linji gwida maħruġa mill-Bord fit-8 ta' Ottubru 2018 intitolati *Guidlines for the assessment of Academic Qualifications leading to the Award of a Warrant to Practice of the Engineering Profession* hemm stipulat is-segwenti:

---

[6] Elenkati a fol. 2 fir-rikors promutur

*“**Introduction***

*This document serves to guide the assessment panel in evaluating the eligibility of academic qualifications presented by candidates applying for the award of a warrant to practice the Engineering profession.*

***Qualifications Framework***

*The Engineering Board reaffirms its position that courses must be framed under the European Credit Transfer and Accumulation System (ECTS) standard and be within the following academic framework, viz.:*

- *a) a minimum of 4-year full-time (240 ECTS at MQF level 6) Bachelors degree in Engineering;*

*or*

- *b) a minimum of 3-year full-time (180 ECTS at MQF level 6) Bachelors degree in Engineering recognized by the Board, plus*
  *a further minimum of 1 year full-time equivalent (60 ECTS at level 6 [of a sub-level 3 or 4 within the MQF level 6] or higher) leading to an engineering qualification.*

*or*

- *c) an academic degree that at the relevant time is recognised by the Board to be equivalent to the above for the purposes of this article.*

***Specific Requirements***

*The Engineering Board further clarifies that:*

1. *The overall 240 ECTS academic training must include a supervised project and dissertation.*
2. *The 60 ECTS qualifications referred to under (b) above, shall be taught and are to be of a minimum MQF level 6, of which not less than 90% should be Engineering disciplines.*
3. *The 60 ECTS qualifications referred to under (b) above, are to be structured in conjunction with the MQF level 6 undergraduate degree in such a manner to increase the engineer’s ability to adapt to the current requirements of the job market.*
4. *The entry requirements to the 180 ECTS or 240 ECTS credit (both at MQF level 6) engineering degree should be such that those holding the requirements would have a reasonable prospect of understanding the learning materials provided and of achieving the programme outcomes.*
5. *Engineering programmes must enable students to achieve the recognised desired outcomes through MQF level 6 academic formation, mainly based on scientific and theoretical knowledge apart from practical skills.*
6. *The method of students’ progress and final assessment must be demonstrated to be of sufficient standard and scientific/theoretical rigour. Written exams, projects and other assessment methods should be designed to evaluate the extent to which students can demonstrate achievement of the 240 ECTS at MQF level 6 programme outcomes both throughout the programme and its conclusion.*

***Distance Learning Courses***

*With regard to Distance Learning Programmes, in addition to the above criteria students must demonstrate practical engineering skills acquired through, for example, work carried out in laboratories and workshops, in industry through supervised work experience, in individual and group project work, in design work and in development and use of computer soft skills in design, analysis and control.*

*Additionally, evidence of group working and of participation in a degree project is expected."*

Illi lanjanza preliminari tar-rikorrent hija fis-sens illi ma ngħatax smigħ xieraq mill-Bord. Huwa jilmenta li f'każijiet oħra l-Bord ta l-opportunita` lill-applikanti li jiġu intervistati. Illi dan it-Tribunal jirrileva illi biex wieħed ikollu smigħ xieraq ma jfissirx neċessarjament illi jrid ikun hemm smigħ orali. Jekk wieħed jingħata l-opportunita` li jressaq kwalunkwe dokument li jidhirlu li hu neċessarju f'ċerti każijiet, bħal dak odjern, il-prinċipju ta' ġustizzja naturali msemmi jkun sodisfatt. Fil-każ odjern, it-Tribunal jinnota illi kien hemm numru ta' emejls ta' kjarifiki, fejn il-Bord qabel ma wasal għad-deċiżjoni tiegħu talab anke *transcript* tal-korsijiet li segwa r-rikorrent.[7] It-Tribunal jirrileva li anke wara li rċieva d-deċiżjoni, ir-rikorrent issottometta dokumenti ġodda għar-rikonsiderazzjonji tal-Bord, u cioe` fejn ġab għall-attenzjoni tal-Bord illi huwa kien membru tal-Kamra tal-Inġiniera u li kellu t-titolu ta' EUR ING.[8] Kwindi t-Tribunal ma jqisx illi fiċ-ċirkostanzi r-rikorrent ma ngħatax smigħ xieraq.

Illi r-rikorrent ħassu wkoll aggravat mill-fatt li l-Bord ma kkunsidrax illi l-Bachelor of Science (Honours) in Computing u l-Masters of Science in Strategic Information Technology Management għandhom kontenut ta' inġinerija komprabbli mal-kors offrut fl-Inġinerija mill-Universita` ta' Malta.

Illi għall-aħjar intendiment tal-*units* li għamel ir-rikorrent u li huma rilevanti għall-applikazzjoni odjerna, it-Tribunal qiegħed jiċċita testwalment it-*transcripts* esebiti mill-istess rikorrent, u cioe`:

A. **Ċertifikat tas-City & Guilds of London Insititute fil-microcomputer technology** li jikkomprendi is-segwenti units:
1. Data Communications/Network
2. System Design and Fault Finding

**B. Higher Diploma mill-Institute for the Management of Information Systems** li jikkomprendi s-segwenti *modules*:
1. Software
2. Systems Analysis & Design I
3. Business Modelling
4. Systems Analysis & Design II
5. Systems Analysis and Design III
6. Managing Informatics

[7] Ara emejl datata 22 ta' Mejju 2019 a fol. 13
[8] Ara emejl datata 11 ta' Ġunju 2019 a fol. 11

C. **Bachelor of Science fil-Computing** bis-segwenti *credits:*
1. Human and Computer Aspects
2. Database Design
3. Applications Programming for the Internet
4. Distributed Information Systems
5. Project (Computing)

D. **Master of Science in Strategic Information Technology Management mill-Universita` ta' Derby** bis-segwenti *credits*:
1. Business and Management in Context
2. Managing Knowledge in Practice
3. Managing Communications and Security
4. Applications Infrastructure Management
5. Studying of Masters Level & Research Methods
6. Strategic Information Management
7. Information Technology Law
8. Strategic Management
9. Independent Scholarship

Illi skont l-informazzjoni murija fuq is-sit tal-Universita` ta' Malta, il-kors ta' **Bachelor of Engineering (Honours),** kemm dak fil-branka elettrika u kif ukoll fil-branka mekkanika**,** huwa kors li fl-aħħar tal-istudji tiegħu wieħed irid jikseb 240 ECTS biex jiggradwa. Jekk wieħed jagħti ħarsa lejn il-*credits* li student li jkun qiegħed isegwi l-kors tal-B.Eng jagħmel, isib li naturalment, fil-maġġorparti tagħhom, dawn huma ta' kontenut tekniku u dan kif jirriżulta mill-Appendiċi I anness ma' din is-sentenza.

Illi meta wieħed iqabbel il-kontenut tal-kors tal-B.Eng mal-kontenut tal-korsijiet li għamel ir-rikorrent isib li hemm ħafna materjal li mhuwiex kopert. Dan neċessarjament wassal lill-Bord biex jieħu d-deċiżjoni li ħa, u cioe` li l-korsijiet li segwa r-rikorrent, mingħajr ma dan it-Tribunal inaqqas xejn mill-importanza tagħhom, ma jistgħux jiġu ekwiparati mal-kontenut tal-B.Eng. Di piu` ir-rikorrent ma ta l-ebda prova illi huwa jipposjedi 240 ECTS f'*degree* f'Livell MQF 6 jew inkella 180 ECTS fil-livell MQF level 6 u 60 ECTS oħra f'degree li twassal għal kwalifika fl-inġinerija. Illi dan it-Tribunal ma jaqbel xejn mas-sottomissjonijiet mressqa mir-rikorrent fejn jiċċita l-Att Dwar l-Edukazzjoni fir-rigward ta' livelli. Il-livell msemmija fl-Att Dwar l-Edukazzjoni jirriferu għas-snin tal-kors, filwaqt li l-Livell 6 msemmi fl-Att Dwar l-Inġiniera huwa dak ta' MQF Level 6 u cioe` l-grad ta' Baċċellerat, fejn fil-każ odjern irid ikun Baċċellerat fl-Inġinerija jew kwalifika akkademika ekwivalenti.

Illi l-Bord intimat, fil-linji gwida tiegħu jispjega sew fhiex trid tkun tikkonsisti l-kwalifika akkademika ekwivalenti, u cioe`, kwalifika li tkun rikonoxxuta mill-Bord li tissodisfa jew it-240 ECTS jew l-180 ECTS ittopjati b'60 ECTS kif spjegat hawn fuq. Illi r-rikorrent jisħaq li b'kollox għandu 270 ECTS, u cioe` 180ECTS mill-BSc degree u 90ECTS mill-Masters degree. Illi t-Tribunal josserva illi għalkemm ir-rikorrent ipprovda informazjoni li l-BSc Honours fih minimu ta' 360 credits Ingliżi, li jsarrfu f'180 ECTS, mhux magħruf f'kemm ECTS isarrfu l-Higher Diploma mal-IMIS u ċ-Ċertifikat miksub mill-Istitut ta' City & Guilds. Illi madanakollu jirriżulta mid-dokumentazzjoni esebita illi sabiex jingħata l-kwalifika ta' BSc (Hons) mill-

Universita` ta' Greenwich wieħed ried ikollu minimu ta' 360 credits.[9] Illi għalhekk jirriżulta li l-Universita` ta' Greenwich kienet sodisfatta li r-rikorrent kellu dan l-ammont ta' credits. Pero` għal dan it-Tribunal jibqa' misteru kemm kellhom credits iċ-Ċertifikat tal-Istitut tas-City & Guilds u d-Diploma tal-IMIS. Jekk fl-aħħar sena tal-Baċċellerat ir-rikorrent ottjena 90 credits, neċessarjament il-credits taċ-Ċertifikat u d-Diploma riedu jammontaw għal 270 credit oħra. Meta it-Tribunal iqabbel it-*transcript* tat-tielet sena tal-Baċċellerat f'liema sena r-rikorrent kiseb 90 credits, mat-*transcript* tal-Higher Diploma u maċ-Ċertifikat tas-City & Guilds, ma jistax jifhem, ladarba ma ngħatax xi forma ta' spjegazzjoni ċara, kif il-kontenut ta' dawn iż-żewġ korsijiet jistgħu jammontaw għal 270 credits oħra biex b'hekk b'kollox ikunu jistgħu jammontaw għal 360 credits Ingliżi u allura ekwivalenti għal 180 ECTS.

Illi r-rikorrent jisħaq ukoll illi l-Bord intimat kien żbaljat meta qies li l-BSc li kiseb mill-Universita` ta' Greenwich ma tqisitx bħala ekwivalenti għall-kwalifika ta' kors tal-Inġinerija offrut mill-Universita` ta' Malta. Huwa jgħid li daħal fit-tielet sena tal-kors għaliex l-istess Universita` kienet sodisfatta li kellu l-bażi biex jagħmel hekk u li kien hemm ftehim bejn l-istituzzjoni barranija u dik Maltija li kienet offriet il-korsijiet li għamel preċedentement. Madanakollu jibqa' l-fatt li l-bażi tad-*degree* kien jikkwalifika bħala MQF Level 5 u kienet biss l-aħħar sena li kienet tikkwalifika bħala MQF Level 6. Kien għalhekk li l-Bord kien tal-opinjoni illi r-rikorrent ma setax jitqies li segwa kors fl-Inġinerija ta' MQF Level 6. Illi pero` dan it-Tribunal isib li skont il-*Prospectus* tal-MCAST għas-snin 2013/2014 kien hemm struttura simili għal dik li segwa r-rikorrent fejn jekk l-istudenti isegwu perkors akkademiku jiksbu l-Baċċellerat f'xi branka tal-Inġinerija.[10] Kwindi din l-istruttura, u cioe` fejn Baċċellerat ma jkunx kollu f'livell MQF 6, għallinqas fl-2013/2014 kienet teżisti wkoll f'Malta. Madankollu, fil-kors ta' din il-kawża, ġie wkoll spjegat illi l-istudenti li ggradwaw mill-MCAST f'xi branka tal-Inġinerija jridu jagħmlu kors ta' sena *part-time* biex jagħmlu xi materji li jikkompletaw l-istudji akkademiċi tagħhom biex ikunu jistgħu jingħataw il-*warrant*.

Illi pero` lil hinn minn dan kollu, jibqa' l-fatt li l-kontenut tal-korsijiet segwiti mir-rikorrent m'għandhomx dak il-kontenut li għandu l-kors ta' B.Eng. Illi fil-kors tal-kontro-eżami tal-Professur Simon Fabri, ġie msemmi wkoll il-kors tal-BSc Computer Engineering offrut mill-Universita` ta' Malta. Il-Professur Fabri spjega illi gradwati fl-imsemmi kors ġieli ngħataw il-*warrant*. Illi għalhekk it-Tribunal eżamina l-kontenut tal-istess kors minn fuq is-sit elettroniku tal-Universita`,[11] fejn għal darb'oħra qabbel il-kontenut tal-istess kors mal-kontenut tal-korsijiet li għamel ir-rikorrenti. It-Tribunal jinnota illi hemm xi *credits* li huma simili jew addirittura identiċi, madankollu jinnota wkoll illi l-kontenut tal-kors BSc Computer Engineering ikopri ħafna iktar suġġetti minn dawk murija fuq it-*transcripts* tar-rikorrent. Kwindi għal darb'oħra it-Tribunal ma jsibx illi d-deċiżjoni tal-Bord illi l-kwalifiċi tar-rikorrenti m'għandhomx biżżejjed kontenut fl-inġinerija hija waħda fattwalment żbaljata.

Illi l-Bord jinnota wkoll illi r-rikorrent huwa *Graduate Member* tal-Kamra tal-Inġiniera. Illi skont l-Istatut tal-istess Kamra, il-klassi ta' *Graduate Member* għandha dawn il-karatterstiċi, u cioe` *"There shall be a class of GRADUATE Membership that shall be open to persons who are in possession of such degree of the University of*

---

[9] Ara l-Academic Regulations For Taught Awards tal-Universita` ta' Greenwich a fol. 164

[10] Ara Dokument a fol. 210

[11] Appendiċi 2 ma' din is-sentenza

*Malta or an equivalent academic qualification relating to the engineering profession both of which, at the time of applying, are recognised by the Engineering Board to be necessary to satisfy the educational requirement for the granting of the Engineering Warrant."*[12]

Madanakollu ma jirriżultax illi fil-każ odjern dan kien il-każ u dana peress li l-Bord ma rrikonoxxiex li abbażi tal-kwalifiċi tar-rikorrent seta' jagħtih il-*warrant*. Dan it-Tribunal josserva li lanqas ma hu konfortat b'xi xhieda ta' xi membru tal-Kunsill tal-Kamra tal-Inġiniera fejn seta' spjega abbażi ta' liema kriterji r-rikorrent ingħata l-*Membership* tiegħu fi ħdan l-istess Kamra.

It-Tribunal jirrileva illi l-professjoni ta' Inġinier iġġorr magħha responsabbilita` kbira, fosthom ta' saħħa u sigurta`, u għalkemm persuna jista' jkun li jkollha esposizzjoni vasta fuq il-lant tax-xogħol, dan irid ikun sorrett minn formazzjoni akkademika adegwata li jkollha l-għeruq tagħha f'kors ta' formazzjoni akkademika.

F'dan il-punt it-Tribunal jagħmel referenza għall-paragrafu enumerat bin-numru 9 fir-rikors promutur fejn ir-rikorrent jisħaq illi l-Bord ken legalment obbligat li jirrikonoxxi ċertifikati u kwalifiċi maħruġa minn istituzzjonijiet fl-Unjoni Ewropeja u dan abbażi tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 451.03 (Regolamenti Dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku Ta' Kwalifiki Professjonali), liema Regolament jimplimentaw id-Direttiva tal-Kummissjoni Ewropeja 2005/36 kif emendata bid-Direttiva 2006/100. Skont Regolament 22 taċ-ċitata Leġislazzjoni:

***"Għandu jkun hemm rikonoxximent ta' provi ta' kwalifiki formali ta' tabib li jagħti aċċess għall-attivitajiet professjonali ta' tabib b'taħriġ bażiku u tabib speċjalizzat, bħala infermier responsabbli mill-kura ġenerali, bħala dentist, bħala dentist speċjalizzat, bħala kirurgu veterinarju, bħala spiżjar u bħala perit, li għalihom jirreferi l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, u kif elenkati fit-Tieni Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifika ta' Perit, u fl-Iskeda I li tinsab mar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Kirurgi Veterinarji, rispettivament, dawk il-provi li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ imsemmija fl-artikoli relevanti tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, l-Att dwar il-Periti u l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji rispettivament, u għandu, għall-finijiet ta' aċċess għal, u l-eżerċizzju ta' attivitajiet professjonali, jagħti lil dawn il-provi l-istess effett fuq it-territorju Malti bħal dawk il-provi ta' kwalifiki formali li jinħarġu f'Malta stess."***

Illi għalhekk jekk wieħed jaqra sew l-istess Regolament isib li dan ir-Regolament qiegħed jitkellem biss fuq numru limitat ta' professjonijiet bħal ma huma dawk fil-qasam tas-saħħa, ta' kirurgi veterinarji u ta' Periti u ma jagħmel l-ebda referenza għall-professjoni ta' Inġinier. Għalhdaqstant dan ir-Regolament ma jistax jagħti xi tip ta' konfort lir-rikorrent għax il-professjoni ta' Inġinier mhix waħda minn dawk imsemmija fl-istess Regolament u li għall-kwalifika tagħha għandu jingħata rikonoxximent awtomatiku.

Illi t-Tribunal jagħmel referenza wkoll għal artikolu 3 tal-Kapitolu 451 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki) li jistipula s-segwenti:-

[12] Dokument Q a fol. 44

*"Dan l-Att japplika għall-professjonijiet u l-attivitajiet professjonali elenkati fl-Iskeda, b'dan li ebda applikant ma jkollu jedd jeżerċita professjoni regolata jew attività professjonali regolata kemm-il darba ma jwettaqx il-kondizzjonijiet biex jibda jeżerċita jew iwettaq l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni jew attività skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liġi elenkata fl-Iskeda."*

Illi l-liġi li tirregola l-professjoni ta' Inġinier (Kapitolu 321) hija fost dawk elenkati fl-Iskeda msemmija u għalhekk biex applikant ikollu jedd jeżerċita l-professjoni ta' Inġinier irid neċessarjament iwettaq il-kundizzjonijiet biex jibda jeżerċita l-professjoni tiegħu skond id-disposizzjonijiet tal-istess Att Dwar l-Inġiniera (Kapitolu 321), liema kundizzjonijiet diġa ġew elenkati aktar 'il fuq u liema jirriżulta li ma ġewx totalment sodisfatti fil-każ tar-rikorrent.

Illi l-fehma tat-Tribunal li l-Bord kien korrett fil-mod kif iddeċieda hija iktar imsaħħa meta wieħed iqis l-emendi li saru permezz tal-Att XXIII tal-2009 li emenda l-Kapitolu 321. Qabel dawn l-emendi, artikolu 3 (2) (d) (i) kien jirrikjedi illi biex persuna tkun tista' tikkwalifika għal *warrant*, irid *"ikollha dak il-grad ta' l-Universita' ta' Malta, jew* ***kwalifika professjonali ta' l-Inġinerija***[13] *li, fiż-żmien rilevanti tkun magħrufa mill-Bord li tkun suffiċjenti għall-għanijiet ta' dan l-artikolu*". Bl-emendi msemmija l-kliem "*kwalifka professjonali ta' l-Inġinerija*" ġew imneħħija u mibdula bil-kliem "*jew* ***kwalifika akkademika ekwivalenti dwar il-professjoni tal-inġinerija.***" Illi pero` li hu interessanti hu li anke kif kienet redatta l-liġi qabel l-emendi msemmija, xorta waħda l-istess disposizzjoni ġiet interpretata illi applikant ried ikollu kwalifika akkademika biex jottjeni l-*warrant,* u dan kif affermat fis-sentenza **Kenneth Abela vs Onorevoli Ministru għall-Ambjent et.** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001. F'dan il-każ l-attur ukoll kellu, fost oħrajn, il-kwalifiċi ta' *Chartered Engineer u European Engineer.* F'din is-sentenza intqal hekk:

*"Issa filwaqt li hu veru li fis-subinċiż 2(d)(1) ta' l-art. 3 il-leġislatur uża l-kliem "kwalifika professjonali ekwivalenti", u mhux il-kelma "grad", din il-Qorti tifhem li din id-distinzjoni ma kienet qatt intiża biex tippermetti l-għoti tal-warrant lil min ma kellux il-kwalifiki akkademiċi. Kienet biss intiża biex tassigura illi min ikollu kwalifiki akkademiċi mogħtija pero' minn istitut barrani magħruf bħala ekwivalenti għall-Universita' ta' Malta, li pero' minħabba l-istruttura istituzzjonali tiegħu ma jkunx jikkonferixxi grad (bl-ingliż degree) imma xi forma oħra ta' rikonoxximent akkademiku taħt xi isem ieħor, tali persuna ma tkunx imċaħħda mill-opportunita' li jingħatalha l-warrant. Pero' din il-Qorti hi sodisfatta, u f'dan m'għandhiex dubbju illi l-kwalifika professjonali ekwivalenti akkwistata minn istitut barrani magħruf, kellha tkun ta' natura akkademika. Altrimenti ma setgħax isir paragun bejn il-grad ta' l-Universita' ta' Malta u dik il-kwalifika. Indubbjament ukoll kien għal kollox fil-kompetenza tal-Bord illi mhux biss jeżamina l-kwalifika professjonali li hu allegat li hi ekwivalenti għall-grad ta' l-Universita' ta' Malta, imma wkoll illi jiddeċiedi fil-kompetenza esklussiva tiegħu li tali kwalifika tkun hekk ekwivalenti sal-punt li tkun magħrufa minnu (mill-Bord) u tkun suffiċjenti għall-għanijiet ta' l-għoti tal-warrant fiż-żmien rilevanti.*

*F'dan l-isfond tidher allura ġusta s-sottomissjoni ta' l-appellati li min jingħata l-warrant biex jeżerċita l-professjoni ta' Inġinier kellu jkun kompetenti li jagħmel hekk fi kwalunkwe kamp ta' l-inġinerija u li, konsegwentement, il-kompetenza, anke*

[13] Enfasi tat-Tribunal

*akkademika, ta' l-applikant kellha tkun tali li tassigura, li fl-eżerċizzju tal-professjoni ta' inġinier, hu jkollu l-istess preparazzjoni u kompetenza li l-Universita' ta' Malta tesiġi għall-konferiment tal-grad f'din id-dixxiplina."*

Għaldaqstant, it-Tribunal jirrileva illi dan isaħħaħ l-argumenti mressqa mill-Bord intimat, u *cioe`* li l-kwalifiċi li applikant irid ikollu, jekk derivanti minn istitut barrani, iridu jkunu akkademiċi ekwivalenti għall-kontenut tal-kors offrut fl-Universita` ta' Malta.

Illi għalhekk, filwaqt li dan it-Tribunal jagħraf u japprezza l-ħidma u l-istudji tar-rikorrent, iqis li d-deċiżjoni tal-Bord intimat kienet waħda raġjonevoli u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ, liema deċiżjoni kienet imsejjsa fuq il-liġi u l-linji gwida mfassla minnu stess.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tar-rikorrent u filwaqt li jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Bord intimat, jilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tal-istess Bord u l-eċċezzjonijiet tal-Ministeru kjamat in kawża.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent ħlief għal dawk tal-Ministeru kjamat in kawża li għandhom jiġu sapportati mill-Bord intimat.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**